MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 1999

Numru 99999/9999

Il-Pulizija
(Spettur Sandro Zarb)
(Ufficjal ta’ l-Immigrazzjoni)

versus

Abdourazag Mohamed Aboudia
Guma Mohamed Muftah

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Abdourazag Mohamed Aboudia ta’ 25 sena ta’ nazzjonalita Libjana, iben Mohamed u Aisha, mwieled Gharian fl-1974 u detentur ta’ passaport bin-numru 364717

U

Guma Mohamed Muftah ta’ 25 sena ta’ nazzjonalita Libjana, iben Mohamed u Aisha, mwieled Benghazi fl-1974 u detentur ta’ passaport bin-numru 136509.

Akkuzati talli matul l-ahhar xhur ffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f’passaport jew uzaw jew kellhom ghandhom passaport li huma jafu li gie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih, bi ksur ta’ l-artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli matul l-istess zmien ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ghall-procedura sommarja bid-data ta’ llum moghtija mill-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati accettaw tali procedura.

Rat li l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontriehom. Issibhom hatja.

Rat l-Artikolu 5 tal-Kap 161 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif wkoll l-Artikolu 28.

Tikkundanna lil kull akkuzat ghal sentejn prigunerija, liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk fi zmien erba’ snin millum ma jikkommettux reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni, tiddikjara lill-akkuzati immigranti ipprojbiti u tohrog ordni ta’ tnehhija kontriehom skond l-Artikolu 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------